# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020**

**Kawza Numru: 9**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 158/2020 JVC**

**Marianne Vella ID 392988M**
**Victoria Vella ID 591256M**
**Juliet Vella ID 092390M**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrenti Marianne Vella et ikkonfermat bil-gurament u talbet kif isegwi:

1. ‘Illi l-esponenti huma l-qraba tal-mejta Carmela Vella, hija n-neputija tal-mejta Carmela Vella nee’ Busuttil, li tigi omm il-missier tal-esponenta Anthony Vella.

2. Illi l-imsemmija defunta mietet nhar l-ghaxra ta’ Mejju fl-elfejn u dsatax (11.05.2019) kif jirrizulta fic-certifikat tal-mewt, liema certifikat igib in-numru **2041/2019** li qieghed jigi anness u mmarkat bhala **Dok.A.**.

3. Illi jirrizulta zball fic-certifikat tal-mewt ta’ Carmela Vella, stante li fil-kolonna ***‘Isem u kunjom il-genituri’*** l-isem ta’ omm id-defunta qieghed imnizzel ***‘CATERINA BUSUTTIL NEE’ ABELA’*** meta fil-fatt, il-kunjom ta’ xebba ta’ omm id-defunta huwa ***Cassar*** u mhux ***Abela***.

4. Illi r-rikorrenti sabu diffikulta’ meta gew biex jaghmlu r-ricerki testamentarji tal-mejta Carmela Vella u ghalhekk jehtieg li ssir korrezzjoni fl-imsemmi certifikat tal-mewt. Ghalhekk l-esponenti rrikorrew ghal tali proceduri sabiex ic-certifikat tal-mewt ta’ Carmela Vella jkun jirrispekkja l-verita’

5. Illi r-rikorrenti bl-ebda mod ma huma responsabbli ghal tali zball u ghalhekk m’ghandhomx ibatu l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

Ghaldaqstant, l-esponent titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi omm il-mejta Carmela Vella kien jisimha Caterina Busuttil nee Cassar u mhux Caterina Busuttil nee Abela bhalma gie erronjament indikat fic-certifikat tal-mewt sureferit;

2. Tordna lill-intimta Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-mewt numru 2041 tas-sena 2019 ta' Carmela Vella jagħmel korrezzjoni fejn taħt il-kolonna *'Isem u kunjom il-ġenituri'* jkun ikkancellat il-kunjom *Abela* u minflok jkun sostitwit bl-isem *Cassar,* billi minflok '*Abela*' jitniżżel '*Cassar*'.
3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jagħmel korrezzjoni f'ċertifikati oħra relattivi, jekk ikun il-każ, li jistgħu jirriżultaw fil-mori ta' din il-kawża.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku'.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn eċċepixxa kif isegwi:

1. 'ILLI, in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom jiddikjaraw b'mod ċar l-artikolu tal-liġi li abbażi tiegħu qiegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponent ikun f'qagħda aħjar biex iwieġħgeb għal din il-kawża. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponent, bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taħt liema dispożizzjoni tal-liġi huma qiegħdin jesperixxu il-proċeduri istanti;

2. ILLI, preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-premess, f'każ illi r-rikorrenti qed jibbażaw l-azzjoni tagħhom fuq l-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, mill-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża għandu jiġi ppublikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern li jsejjaħ lil kull min ikollu interess sabiex jiddikjara bil-mezz ta' nota jekk hux bi ħsiebu jopponi t-talba, u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodiċi Ċivili;

3. ILLI, minghajr pregudizzju ghall-premess, ghal dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza istanti, l-esponent jiddikjara illi hu ma huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur taghhom;

4. ILLI, permezz tal-proceduri istanti, ir-rikorrenti qed jallegaw illi l-Att tal-Mewt ta' Carmela Vella, li jgib in-numru 2041 tas-sena 2019, hawn anness u mmarkat **Dok DRP 1,** skorrettement jindika li isem u kunjom omm id-defunta huma 'Caterina Busuttil nee' Abela'. Skond huma, isem u kunjom omm id-defunta kienu 'Caterina Busuttil nee' Cassar' u b'hekk, l-Att tal-Mewt ta' Carmela Vella ghandu jigi kkorreggut f'dan is-sens;

5. ILLI, l-esponent jeccepixxi illi fl-Att ta' Twelid tal-istess Carmela Vella, bin-numru ta' registrazzjoni 6020 tas-sena 1929, hawn anness u mmarkat **Dok DRP 2,** magenb il-partikolaritajiet tal-omm, u cioe ta' Caterina Busuttil, hemm id-dettalji ta' missier Caterina Busuttil, li jgib l-isem 'Benigno Abela'. Fit-tieni lok, fin-Notifikazzjoni tal-Mewt ta' Carmela Vella, b'numru ta' referenza 213923 u ddatata 6 ta' Gunju 2019, l-isem u l-kunjom ta' omm id-defunta Carmela Vella huma ndikati bhala 'Caterina Busuttil nee' Abela'. Tali Notifikazzjoni kienet iffirmata mir-rikorrenti Victoria Vella, kif jixhed l-istess dokument, hawn anness u mmarkat **Dok DRP 3.** Fit-tielet lok, fic-Certifikat tal-Mewt u Kawza tal-Mewt ta' Carmela Vella bin-numru 1464, hawn anness u mmarkat **Dok DPR 4,** l-isem u l-kunjom ta' omm id-defunta huma indikati bhala 'Caterina nee Abela';

6. ILLI, in vista tal-premess, l-esponent huwa tal-umli fehma li t-talbiet kif dedotti ma jidhirx illi ghandhom jintlaqghu minn din l-Onorabbli Qorti. Minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz illi din l-Onorabbli Qorti takkolta t-talbiet tar-rikorrenti, ghandha ssir

korrezzjoni wkoll fl-Att ta' Twelid ta' Carmela Busuttil bin-numru 6020 tas-sena 1929 (Dok DRP 2) li jindika l-kunjom ta' missier Caterina Busuttil bhala Abela, u mhux Cassar, kif gie spjegat fl-eccezzjoni precedenti;

7. ILLI, minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponent umilment jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti l-esponent u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni'.

Rat l-affidavit, certifikati, kuntratti, testment u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Gunju, 2020 ir-rikorrenti ddikjaraw li l-kawza saret ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta);

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Gunju, 2020 il-kawza giet differita ghad-decizjoni;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-kawza odjerna ntavolata mir-rikorrenti Victoria Vella, Marianne Vella u Juliet Vella talbu li jkun hemm korrezzjoni fl-Att tal-Mewt bin-numru 2041 tas-sena 2019 ta' ommhom/nannithom Carmela Vella skont il-kaz, fejn fil-kolonna

'*Isem u kunjom il-genituri*', il-kunjom hemm indikat ta' 'Abela' jigi kkancellat u sostitwit bil-kunjom 'Cassar'. Ir-rikorrenti spjegaw li effettivament Carmela Vella kienet tigi ommhom/nannithom tar-rispett u dan peress li ommhom/nannithom kienet Marianna Vella mizzewga lil Carmelo Vella. Din Marianna Vella kienet mietet u zewgha Carmelo Vella kien rega' zzewweg lil ohtha Carmela Vella. Ir-rikorrenti sostnew li meta gew sabiex jaghmlu r-ricerki testamentarji tal-mejta Carmela Vella gew f'diffikulta' minhabba zball fic-certifikat tal-mewt precizament fil-kolonna '*Isem u kunjom il-genituri*' fejn kunjom xbubit ommha gie erronjament indikat bhala dak ta' 'nee` Abela' meta fir-realta' dan kellu jigi ndikat bhala dak ta' 'nee` Cassar'. Kien ghalhekk li r-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna fejn talbu li ssir il-korrezzjoni ndikata.

Illi min-naha tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku preliminarjament eccepixxa li r-rikorrenti jridu jiddikjaraw b'mod car l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu l-azzjoni giet imsejsa halli huwa jkun f'qaghda ahjar biex iwiegeb ghall-kawza. Eccepixxa wkoll illi f'kaz li l-azzjoni hija bbazata fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandu jigi ppubblikat avviz fil-gazzetta tal-Gvern u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili. Il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sostna illi dak li jirrigwarda l-mertu tal-kawza huwa m'huwiex edott mill-fatti esposti mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu. Jeccepixxi ulterjorment fl-ewwel lok illi fl-Att tat-Twelid tal-istess Carmela Vella bin-numru 6020 tas-sena 1929 ma' genb il-partikolaritajiet tal-omm, u cioe' Caterina Busuttil hemm id-dettalji ta' missierha li jgib l-isem u kunjom ta' 'Benigno Abela. Fit-tieni lok, fin-notifikazzjoni tal-mewt ta' Carmela Vella bin-numru ta' referenza 213923 u datat 6 ta' Gunju, 2019 l-isem u kunjom omm d-defunta Carmela Vella huma ndikati bhala

'Caterina Busuttil nee' Abela'. Sostna li tali notifikazzjoni kienet iffirmata mir-rikorrenti Victoria Vella u esebixxa kopja taghha. Fit-tielet lok fic-certifikat tal-mewt u kawza tal-mewt bin-numru 1464 ta' Carmela Vella, l-isem u kunjom ta' omm id-defunta huma ndikati bhala 'Caterina nee' Abela'. Ghalhekk sahaq li in vista tal-premess it-talbiet kif dedotti m'ghandhomx jintlaqghu. Il-konvenut sostna li minghajr pregudizzju ghall-premess, f'kaz li l-Qorti takkolji t-talbiet ghandha ssir korrezzjoni wkoll fl-Att ta' Twelid ta' Carmela Busuttil bin-numru 6020 tas-sena 2019 fejn fil-kunjom ta' missier Caterina Busuttil li jgib l-isem 'Benigno Abela' jigi jaqra dak ta' 'Benigno Cassar'. Finalment il-konvenut issottometta li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parti tieghu u kwindi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni Preliminari:</u>**

Illi fl-ewwel eccezzjoni preliminari l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa li r-rikorrenti ghandhom jiddikjaraw b'mod car l-artikolu tal-ligi li a bazi tieghu qeghdin isejsu l-azzjoni taghhom halli jkun f'qaghda ahjar biex iwiegeb ghal kawza.

Jirrizulta li Dr Yanika Bugeja ghar-rikorrenti fil-verbal tas-seduta tal-10 ta' Gunju, 2020 a fol. 46 tal-process iddikjarat illi l-azzjoni taghha hija bbazata ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). In vista ta' dan, din l-ewwel eccezzjoni preliminari giet ezawrita.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni Preliminari:</u>**

Illi fit-tieni eccezzjoni preliminari, l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa illi jekk jirrizulta li r-rikorrenti bbaza l-azzjoni tieghu fuq l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza ghandu jigi ppublikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern li jsejjah lil kull min ikollu interess sabiex jiddikjara bil-mezz ta'nota jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba u dan ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kodici Civili.

Illi mill-atti jirrizulta li nhar it-28 ta' Frar, 2020 saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mill-ligi u prova ta' dan giet esebita fl-atti a fol. 11 tal-process. Jirrizulta li l-primo appuntamento tal-kawza kien appuntat ghall-21 ta' April, 2020 u ghalhekk oltre l-hmistax-il gurnata wara l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif rikjest mill-ligi.

In vista li l-pubblikazzjoni saret mill-inqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza, din it-tieni eccezzjoni preliminari hija wkoll ezawrita.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi hekk kif iddikjarat, din il-kawza saret ai termini tal-Artikoli 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaghti dritt lill-persuna li tressaq talba gudizzjarja sabiex tinghata korrezzjoni jew thassir ta' registrazzjoni, jew ghar-registrazzjoni ta' att li d-Direttur, bil-kunsens tal-Imhallef irtirat jew Magistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili ikun irrifjuta li jircievi. L-Artikolu 253 jaqra kif isegwi:

> '(1) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għall-korrezzjonijiet jew tħassir ta' reġistrazzjoni, jew għar-reġistrazzjoni ta' att illi d-Direttur, bil-kunsens tal-Imħallef

irtirat jew Maġistrat irtirat jew avukat irtirat tal-Qorti ta' Reviżjoni tal-Atti Nutarili, ikun irrifjuta li jirċievi.

(2) Kull persuna tista' tagħmel talba ġudizzjarja għar-reġistrazzjoni tal-isem jew ismijiet, liema isem jew ismijiet il-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha, u liema jkunu ddikjarati mill-qorti li huma l-isem jew l-ismijiet li bihom il-persuna kienet konsistentement imsejħa, minflok l-isem jew l-ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv jew li huma mniżżla fir-Registru ta' Persuni Adottati bħala l-isem jew l-ismijiet mogħtija u l-isem jew l-ismijiet li bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa:

Iżda, t-talba ġudizzjarja msemmija f'dan is-subartikolu m'għandhiex issir meta l-isem jew l-ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha jkunu biss verżjoni imqassra jew abbrevjazzjoni tal-isem jew ismijiet li jidhru fl-att tat-twelid relattiv.

(2A) Meta, fiċ-ċirkostanzi msemmija fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) l-isem jew ismijiet li l-persuna tkun użat jew tkun użat għaliha l-familja tagħha ma jkunux proprjament isem jew ismijiet differenti iżda verżjoni tradotta f'lingwa Ewropea oħra tal-istess isem jew ismijiet li jkunu reġistrati fl-att tat-twelid, u l-użu ta' dak l-isem jew ismijiet tradotti jkun jirriżulta jew minn att tal-istat ċivili ieħor ta' dik il-persuna jew minn dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew passaport Malti li jkun maħruġ lilu qabel il-31 ta' Diċembru 2011, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, fuq talba bil-miktub li trid tkun sostnuta b'dikjarazzjoni maħlufa magħmula mill-persuna kkonċernata, jista' wara li huwa jkun sodisfatt bil-

korrettezza u bil-veraċità ta' dik it-talba u d-dikjarazzjoni maħlufa, jipproċedi billi jdaħħal annotazzjoni li tirrifletti dak il-bdil tal-isem jew ismijiet fl-atti tal-istat ċivili li jkunu jmissu lil dik il-persuna.

(3) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (2) għandha tinkludi talba biex il-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija f'dan is-subartikolu jiġi rifless f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna; liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattivi tagħhom.

(4) Kull talba għandha ssir fil-qorti kompetenti b'rikors ġuramentat kontra d-Direttur.

(5) F'kull talba bħal din, id-dikjarazzjoni msemmija fl-artikolu158 (4) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tista' wkoll tiġi konfermata bil-ġurament minn kull uffiċjal imsemmi fl-artikolu 306 (1) jew (4).'

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku fl-eccezzjonijiet tieghu ssenjala li jekk din il-Qorti tkun ser tghaddi sabiex takkolji t-talbiet rikorrenti, oltre korrezzjoni fl-att tal-mewt ta' Carmela Vella bin-numru 2041 tas-sena 2019, jrid ikun hemm ukoll korrezzjoni fl-Att tat-Twelid ta' l-istess Carmela Vella bin-numru 6020 tas-sena 1929 u dan stante li ma' genb il-partikolaritajiet ta' ommha, u cioe' ta' Caterina Busuttil, id-dettalji ta' missier Caterina Busuttil huma wkoll zbaljati stante li huma ndikat bhala 'Benigno Abela' flok 'Benigno Cassar'.

Illi din il-Qorti rat illi fl-atti gew esebiti ghadd ta' dokumenti, minn liema dokumenti rrizultaw il-fatti segwenti:

i. **Kuntratt ta' bejgh datat 9 ta' Awwissu, 2007 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar** a fol. 27 *et seq* tal-process – Permezz tieghu l-ahwa Joseph Busuttil, il-Perit Carmelo Busuttil u Carmen Vella (li taghha qed jintalbu l-korrezzjonijiet fl-atti) gew indikati bhala *'…ulied il-mejtin Anthony Busuttil u Catherine nee Cassar;'*;

ii. **Dikjarazzjoni *causa mortis* maghmula minn Carmen Vella tal-mejjet zewgha Carmelo Vella datata 20 ta' Gunju, 2014 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar** a fol. 33 *et seq* tal-process – Fid-dikjarazzjoni Carmen Vella giet indikata bhala *'…armla minn Carmelo Vella, bint Antonio Busuttil u Caterina nee' Cassar, imwielda Zejtun …'*;

iii. **Testment maghmul minn Carmelo Vella u Carmen Vella datat 24 ta' Frar, 2009 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar** a fol. 38 *et seq* tal-process – Fit-testment bhala dettalji ta' Carmen Vella gew indikati *'…bint il-mejtin Antonio Busuttil u Caterina nee Cassar…'*;

iv. **Dikjarazzjoni *causa mortis* maghmula minn Joseph Montebello u Carmelo Montebello ulied Rose Montebello li kienet oht Carmen Vella datata 9 ta' Awwissu, 2007 fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar** a fol. 41 *et seq* tal-process – Fid-dikjarazzjoni d-dettalji ta' Rose Montebello gew indikati bhala *'…Rose Montebello, armla minn Vincent, bint il-mejtin Benigno Cassar u Carmela nee' Bonnici, imwielda z-Zejtun u kienet toqghod New York…'*;

v. **Certifikat tat-twelid ta' Caterina Cassar** a fol. 51 tal-process – Fic-certifikat precizament fil-kolonna 'missier it-tarbija' huwa ndikat bhala dak ta' Benigno Cassar.

L-attrici Marianne Vella fid-deposizzjoni taghha moghtija bil-procedura tal-affidavit a fol. 48 *et seq* tal-process ukoll ikkonfermat li omm Carmela Vella kienet Caterina xebba Cassar stante li missierha kien Benigno Cassar.

Illi in vista tal-provi kollha fl-atti u tas-suespost, din il-Qorti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

Mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti nnifisha Victoria Vella intavolat u ffirmat in-notifikazzjoni tal-mewt, f'liema notifikazzjoni d-dettalji ta' omm Carmela Vella gie ndikat bhala 'Caterina Busuttil nee' Abela' (ara notifikazzjoni tal-mewt ta' Carmela Vella a fol. 22 tal-process). Din il-Qorti temmen li kieku nghata ftit aktar attenzjoni dan l-izball seta' facilment jigi evitat. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-eccezzjoni tad-Direttur intimat li l-azzjoni m'hijiex wahda attribwibbli ghal xi ghemil jew zball da parte tieghu u tqis li l-ispejjez tal-kawza odjerna ghadhom jigu sopportati interament mir-rikorrenti.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi omm il-mejta Carmela Vella kien jisimha Caterina Busuttil nee' Cassar u mhux Caterina Busuttil nee' Abela bhalma erronjament indikat fic-certifikat tal-mewt bin-numru 2041 tas-sena 2019 liema zball jirrifletti wkoll ruhu fic-certifikat tat-twelid bin-numru 6020 tas-sena 1929;

2. Tilqa' t-tieni talba u l-eccezzjoni tad-Direttur intimat u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-twelid ta' Caterina Vella numru bin-numru 6020 tas-sena 1929 u dak tal-mewt tal-istess Caterina Vella bin-numru 2041 tas-sena 2019 issir korrezzjoni fejn taht il-kolonna 'Isem u kunjom il-genituri' u kull

fejn jirrizulta jkun ikkancellat il-kunjom xbubit l-omm Caterina indikat bhala 'Abela' u minflok jkun sostitwit bil-kunjom 'Cassar'; b'dan ukoll li kull fejn hemm indikat isem u kunjom missier Caterina Cassar dan ghandu jidher bhala Benigno 'Cassar' u mhux 'Abela';

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji f'certifikati ohra relattivi fosthom kif gia deciz fl-Att tat-Twelid ta' Carmela Vella bin-numru 6020 tas-sena 1929 hekk kif irrizulta fil-mori tal-kawza.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-**Artikolu 256 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Settembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Settembru, 2020**